MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 165/2021 LM

**Md Mir Hossain (Pass. Nru. BX0847068)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanta **Identity Malta Agency** [minn issa 'l quddiem 'l-Aġenzija appellanta'] mid-deċiżjoni tat-3 ta' Diċembru, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li permezz tagħha laqa' l-appell tal-appellat **Md Mir Hossain (Pass nru. BX0847068)** [minn issa 'l

quddiem 'l-appellat'] fil-konfront tagħha, u rrevoka d-deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Marzu, 2021 għar-raġunijiet hemm imfissra.

**Fatti**

2. L-appellat fid-9 ta' Novembru, 2020 ippreżenta lill-Aġenzija appellanta applikazzjoni għal Permess Uniku fir-rigward ta' Residenza u Xogħol, liema Aġenzija appellanta wara konsultazzjonijiet interni mal-i*stakeholders ai termini* tal-Artikolu 12 tal-L.S. 217.17, iddeċidiet li tiċħad l-applikazzjoni tiegħu għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika u ordni pubblika.

**Mertu**

3. L-appellat ħass ruħu aggravat b'dik id-deċiżjoni u istitwixxa proċeduri ta' appell quddiem il-Bord fid-29 ta' Marzu, 2021, fejn qal li l-ilmenti tiegħu kienu s-segwenti: (i) ma kellhomx jingħalqulu l-bibien f'wiċċu fuq raġunijiet ta' *public policy* u *public security;* u (ii) huwa ma kellux ibati l-konsegwenzi tal-iżbalji ta' ħaddieħor.

4. L-Aġenzija appellanta wieġbet fit-18 ta' Marzu, 2021 fejn issottomettiet li l-applikazzjoni tal-appellat ma kinitx ġiet rakkomandata għall-approvazzjoni, wara li twettaq il-proċess ta' diliġenza dovuta, u wara li ttieħdu in konsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet tal-partijiet interessati, in partikolari d-Dipartiment tal-Immigrazzjoni fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

## Id-deċiżjoni appellata

5. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"1. **Preliminary***

*The Board:*

*Saw the decision issued by Identity Malta Agency dated 18th March 2021 which stated that the relative application for the issue of a Single Permit under S.L. 217.17 had been rejected for the following reason: "...* on grounds of public policy and public security";

*Saw that the relative appeal was filed on 22nd April 2021; and*

*Saw the Agency's reply filed on 8th June 2021.*

***Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et** (decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*Preliminarily, the Board notes that the Agency addressed its decision to someone other than the appellant (Modern Barber Hairstyle Limited – 19, Triq il-Kappella, San Ġwann). This is in violation of Regulation 15 of S.L. 217.17, which requires that the appellant be personally served with the decision. No appeal can be* fuori termine *when the decision subject to appeal was addressed to the prospective employer, not to the appellant personally.*

*The Board refers to the decison of the Administrative Review Tribunal in the case **Gary Mifsud vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija**, handed down on 8th October 2018. In that decision, the Tribuna stated:*

"Illi l-motivazzjoni wara deċiżjoni amministrattiva hija essenzjali, anke jekk il-liġi tkun siekta, sabiex iċ-ċittadin jitpoġġa f'posizzjoni li jifhem ir-raġuni tar-rifjut u jekk iħossu aggravat bl-istess deċiżjoni ikun jista' jintavola appell abbażi tal-istess motivazzjoni."

*The Agency failed to explain what public policy or public security concerns motivated its decision. The Board cannot blindly adopt the Agency's conclusions or the conclusions sent to the Agency by stakeholders. In addition, the Agency's decision constitutes a sweeping statement. As the Court of Appeal held in* **Istok Lazarevic vs. Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza** *(decided on 11th February 2019), the executive branch must state why the appellant poses a threat to public policy and public security and not simply claim that he is a threat.*

*For the sake of completeness, the Board notes that in line with the judgment of the Court of Appeal* **Fabio Vespa vs. Id-Direttur tad-Dipartiment ghaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati** *it carried out an online search and found no judgments of a criminal nature against the appellant which were available online.*

***Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board revokes the Agency's decision and accepts the appellant's appeal.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## L-Appell

6. L-Aġenzija appellanta ippreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fid-29 ta' Diċembru, 2021, fejn filwaqt li kkontendiet li din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni tisma' l-appell odjern *ai termini* tas-subartikolu 25A(5) tal-Kap. 217, talbet lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tordna lill-Bord sabiex jieħu deċiżjoni mill-ġdid skond il-konsiderazzjonijiet ta' din l-istess Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat. Tgħid li l-aggravji tagħha huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti: (a) il-Bord għamel analoġija kompletament skorretta tal-appell

odjern mal-fatti riżultanti fil-proċeduri li taw lok għall-appell ċitat fl-ismijiet **Istok Lazarevic *vs.* id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza**; (b) il-Bord naqas milli jisma' ix-xhieda kif suġġerit mill-istess Aġenzija appellanta.

7. L-appellat wieġeb fil-21 ta' Frar, 2022, fejn għar-raġunijiet imfissra fir-risposta tiegħu, huwa ssottometta li l-appell tal-Aġenzija appellanta għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu, u d-deċiżjoni appellata kkonfermata.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-Aġenzija appellanta fid-dawl ta' dak li ġie deċiż mill-Bord, u meħuda in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellat.

9. L-Aġenzija appellanta, filwaqt li tirrileva li din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni li tisma' l-appell tiegħu *ai termini* tas-subartikolu 25A (5) tal-Kap. 217, meta tispjega l-ewwel aggravju tagħha, tissottometti li l-Bord fid-deċiżjoni appellata għamel analoġija għal kollox skorretta tal-appell odjern mal-fatti li wasslu għal appell fl-ismijiet **Istok Lazarevic *vs.* id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza**. Fissret li fl-appell appena msemmi, il-Bord kien fil-fatt sema' lis-Supretendent Victor Aquilina jixhed, u kien fuq dik ix-xhieda li huwa ddeċieda li r-rakkomandazzjoni tal-Pulizija li ma jinħariġx permess lill-applikant mill-Aġenzija appellanta kienet waħda raġonevoli, iżda liema xhieda ma kinitx ikkonvinċiet lil din il-Qorti kif diversament ippreseduta, u mhux ir-raġuni li ngħatat. B'hekk il-Bord ħallat żewġ kunċetti differenti li kienu dak tal-motivazzjoni tar-raġuni amministrattiva, u l-kunċett tal-oneru u piż tal-prova.

Tammetti li jeżisti l-prinċipju *"duty to give reasons",* iżda dan ma jfissirx li r-raġuni għandha tkun imfissra f'ħafna dettal, u fil-każ odjern id-deċiżjoni tagħha ma kinitx tgħid biss li l-applikazzjoni ġiet miċħuda, u r-raġuni ngħatat b'mod li seta' jsir appell kif fil-fatt sar mill-appellat. L-Aġenzija appellanta tagħlaq is-sottomissjonijiet tagħha b'riferiment għal dak li qal it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva f'żewġ sentenzi tiegħu.[1] It-tieni aggravju tal-Aġenzija appellanta jirrigwarda l-oneru u l-piż tal-prova. Tikkontendi li l-Bord kellu kull opportunità li jisma' ix-xhieda tal-Pulizija, u fir-risposta tagħha hija fil-fatt kienet issuġġeriet li tinstema' din ix-xhieda, iżda l-Bord skarta s-suġġeriment tagħha. Hija hawn tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Zia Ul Noor *vs.* Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni**.[2] Tirrileva li l-unika riċerka li għamel il-Bord kienet tfittxija *online* ta' sentenzi kriminali fil-konfront tal-appellat, iżda r-riżultat negattiv ma kienx ifisser li ma hemmx raġunijiet oħra għar-rifjut tal-applikazzjoni. Għal darb'oħra l-Aġenzija appellata tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti, din id-darba fis-sentenza fl-ismijiet **Linwei Liu *vs.* Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijat**.[3] Issostni li l-Bord naqas milli jħares il-prinċipju tal-ġustizzja naturali meta ma tax l-opportunità lill-Eżekuttiv sabiex jispjega d-deċiżjoni tiegħu, u l-konsegwenzi tad-deċiżjoni tiegħu jistgħu jkunu drastiċi.

10. L-appellat jibda billi jissottometti li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza sabiex tevalwa mill-ġdid il-provi, u dwar dan il-ġurisprudenza kienet kostanti u stabbilita sew. Ikompli billi jirrileva li kuntrarjament għal dak

[1] Kunsill Lokali tal-Għarb *vs.* L-Awtorità tal-Artijiet, 10.05.2021. u Salvatore Borg et *vs.* L-Awtorità tal-Artijiet, 18.12.2020.
[2] App.Inf.164/18LM, 28.10.20.
[3] App.Inf.3/21LM, 19.05.21.

li qegħda tisħaqq fuqu l-Aġenzija appellanta, ir-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu kif jidher f'Dok. IMA1 ma jagħti l-ebda indikazzjoni tar-raġuni. Jikkontendi b'riferiment għall-para. (ċ) tas-subartikolu 3(2) tal-Kap. 490, li l-Bord mexa skond il-prinċipji tal-ġustizzja naturali għaliex saħansitra ngħataw diversi differimenti biex l-Aġenzija appellanta tressaq ix-xhieda tagħha, u għalhekk ma setgħetx tħossha aggravata meta l-Bord ħa d-deċiżjoni in kwistjoni. Ikompli billi jissottometti li meħud in konsiderazzjoni n-natura u s-sensittività tal-każ odjern, kuntrarjament għal dak li qegħda tisħaqq fuqu l-Aġenzija appellanta, il-Bord kien korrett meta qal li ma setax jaddotta fl-għama l-konklużjonijiet tal-Aġenzija appellata jew dawk mibgħuta lilha mill-i*stakeholders*. Jgħid li d-dmir ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet huwa wkoll li jagħtu r-raġunijiet tagħhom għalihom. Huwa jagħmel riferiment għal para. (h) tas-subartikolu 3(2) tal-Kap. 490, u jsostni li l-għoti ta' raġunijiet huwa prinċipju marbut b'mod inseparabbli mal-ġustizzja naturali, u mad-dritt għal smigħ xieraq. Jgħid li huwa wkoll importanti għaliex huwa meqjus bħala prinċipju tal-liġi pubblika, u ntiż għas-sodisfazzjon tal-partijiet. Kuntrarjament għal dak li qegħda tikkontendi l-Aġenzija appellanta, hija kellha l-obbligu li turi x'kien li wassal sabiex toħroġ l-ittra ta' rifjut tat-18 ta' Marzu, 2021. Hawn jgħid li huwa għalhekk ukoll applikabbli l-prinċipju li min jallega jrid jipprova, u jiċċita dak li qalu d-diversi qrati fir-rigward tal-imsemmi prinċipju.

11. Il-Qorti tgħid li l-Bord kellu kull raġun li jgħid li huwa ma jistax jaċċetta l-konklużjoni tal-Aġenzija appellata jew dik tal-i*stakeholders*, li kienet fil-fehma tiegħu waħda ġenerika, għaliex altrimenti huwa jkun komparteċipi f'nuqqas ta' smigħ xieraq. Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx miegħu li kellha tingħata r-raġuni

għalfejn l-appellat seta' ikun ta' theddida għas-sigurtà pubblika, għaliex dan huwa d-dritt tiegħu. Imma ladarba fir-risposta tagħha l-Aġenzija appellanta kienet issottomettiet li r-raġuni għalfejn il-Kummissarju tal-Pulizija kien irrakkomanda li l-applikazzjoni tal-appellat kellha tiġi rrifjutata setgħet tiġi kkonfermata mir-rappreżentant tiegħu, hekk kif imħarrek biex jixhed f'dawk il-proċeduri, il-Bord kellu jagħti l-opportunità lill-Aġenzija appellanta li tressaq ix-xhud indikat. Fil-fatt jirriżulta mill-atti li kienet ġiet iffissata seduta mill-Bord fil-10 ta' Settembru, 2021, fejn akkorda terminu ta' ġimgħa lill-partijiet sabiex jippreżentaw il-provi ulterjuri tagħhom, u imbagħad huwa kellu jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu. Jirriżulta wkoll li ma ġiet esebita l-ebda evidenza ulterjuri min-naħa tal-Aġenzija appellanta, u għalhekk din il-Qorti tgħid li meħud in konsiderazzjoni l-fatt li l-imsemmija Aġenzija appellanta naqset milli tipprevalixxi ruħha minn din l-opportunità, hija ma tistax illum tilmenta li l-Bord kien tenut li jisma' lill-Pulizija bħala xhieda. Għar-rigward tal-allegata analoġija skorretta li għamel il-Bord, il-Qorti tqis li anki jekk jirriżulta l-każ, dan ma jistax iwassal sabiex tiġi revokata d-deċiżjoni appellata, li fis-sustanza hija waħda tajba.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiċħad l-appell odjern, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kollha kontra l-Aġenzija appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**